MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 287/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. D. Micallef)**
**Vs**

**Sigismondo Mifsud**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul ix-xhur ta' Marzu, April u Mejju, 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi w li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt nru. 5/98, naqas jaghti l-manteniment jew parti mill-manteniment dovut lil martu Salvina Mifsud, ghaliha u/jew ghal wild minuri tieghu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 t’Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti u filwaqt li kkundannatu ghal xahar detenzjoni, ordnat il-hlas ta’ hames mija w ghoxrin lira Maltin (LM520) fi zmien tlett (3) xhur ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9, taht penali ta’ zewg (2) liri kuljum.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t’Ottubru, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Semghet ix-xhieda ta’ Salvina Mifsud, mart l-appellant, fis-seduta tallum, li minnha rrizulta li l-appellant kien ghadu ma hallasx xejn mill-ammont minnu dovut.**

**Rat il-fedina penali tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Semghet it-trattazzjoni.**

**Ikkonsidrat**

**Illi kif taghmel dejjem f’dawn il-kazijiet din il-Qorti tat opportunita’ lill-appellant biex jissalda d-debitu tieghu ma’ martu qabel ma’ tghaddi ghall-prorazzjoni tas-sentenza w pposponiet il-kawza ghal dan il-ghan.**

**Illi meta l-kawza regghet issejhet fl-ahhar tas-seduta, l-appellant *seduta stante* hallas lill-martu s-somma ta’ hames mija w ghoxrin lira fi flus kontanti ghas-saldu tal-ammont intier imsemmi fic-citazzjoni w fis-sentenza appellata w l-istess martu ddikjarat li, in vizta ta’ dan il-hlas, hi m’ghandha ebda interess li zewgha jigi karcerat.**

**Illi kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti (Ara.** “Il-Pulizija vs. Publius Said**” [9.7.2003] u ohrajn) l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati , li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F’dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont kollu fuq imsemmi w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta’ dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell , hemm lok ghal temperament fil-piena .**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament kif ser jintqal u cioe’ billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta’ xahar detenzjoni u inkwantu ordnatlu li jhallas l-ammont ta’ LM 520 fi zmien tlett xhur u minnflok tikkundannah ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25), li pero’, jekk ma jithallsux illum stess, jigu konvertiti f’hamest ijiem detenzjoni skond l-artikolu 13 (2) u 14 (1) tal-Kodici Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------